**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 70**
**L-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3932. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru għas-Saħħa għandu 9 karozzi tal-elettriku.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3933. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li, filwaqt li preżentement m'hemmx karozzi tal-elettriku leased fil-Ministeru, fit-tmiem tal-lease kurrenti hu ppjanat li jinħarġu tenders għal lease ta' karozzi tal-elettriku.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3934. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ m'hemm l-ebda karozza tal-elettriku mikrija.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3935. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3936. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli, ma hemm l-ebda leasing ta' karozzi elettriċi.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - KAROZZI ELETTRIĊI**

**3937. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il karozza tal-elettriku hemm leased fil-Ministeru tiegħu?

14/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli ma hemmx karozzi tal-elettriku leased.

Seduta 70
14/12/2022

**GĦAWDEX – SKOLA TA' SANNAT – PROĠETT TA' PIXXINA TERAPEWTIKA FL-ISPECIAL UNIT**

**4369. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda l-proġett ta' pixxina terapewtika fl-iSpecial Unit fl-Iskola Ta' Sannat, Għawdex? Jista' jgħid ukoll jekk inħariġx tender u jekk iva, lil min ingħata? Jista' jgħid x'sar f'din l-aħħar sena rigward dan il-proġett u kemm intefqu flus f'din l-aħħar sena fuq dan il-proġett?

23/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddej ix-xogħol fuq iċ-ċentru Akwatiku u Sportiv li ser ikun ukoll qed jaqdi l-bżonnijiet ta' tfal b'diżabilitajiet differenti. Fil-fatt, dan l-istess kumpless ta' livell internazzjonali jaħseb ukoll għal 'movable floor' ta' parti mill-pixxina. Madankollu, il-pjan ta' pixxina terapewtika se tkun parti minn proġett akbar ta' aktar servizzi f'Għawdex għal-persuni b'diżabilità. Preżentement qed jiġu esplorati diversi fondi ewropej bħall-ERDF u ESF rigward finanzjament kemm għall-proġett infrastrutturali kif ukoll bħala training u speċjalizzazjonijiet tal-ħaddiema li rridu joffru tali servizzi.

Seduta 70
14/12/2022

**GĦAWDEX – SANNAT – AREA TA' RINOTA U TRIQ IL-PARANJI - TOROQ**

**4370. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3542 fl-intier tagħha u jgħid jekk hemmx ħsieb biex it-toroq diġà miftuħin fl-area ta' Rinota fil-Munxar u Triq il-Paranji fis-Sannat, Għawdex, isiru matul is-sena 2023, peress li f'dawn l-aħħar disa' snin sar ħafna bini fihom u hemm diversi familji jgħixu fihom u dawn it-toroq għadhom qatt ma saru u jaqgħu taħt ir-responsabilità diretta tal-Ministeru għal Għawdex?

23/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-toroq fl-area ta' Rinota u Triq Paranji qegħdin fil-pjan tal-Ministeru sabiex isiru.

Seduta 70
14/12/2022

**GĦAWDEX – DGĦAJJES REĠISTRATI BĦALA MFC MINN PERSUNI RESIDENTI**

**4371. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2869 u 3678 u jgħid kemm kien hemm dgħajjes irreġistrati bħala MFC minn persuni residenti f'Għawdex fl-aħħar tas-sena 2015 u kemm kien in-numru ta' dawn id-dgħajjes irreġistrati f'Għawdex fl-aħħar ta' kull sena minn dakinhar sal-lum? Jista' jgħid ukoll fil-preżent kemm hemm dgħajjes irreġistrati bħala MFC minn persuni residenti f'Għawdex?

23/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 70
14/12/2022

**GĦAWDEX – XEWKIJA – ESTENSJONI TAĊ-ĊENTRU TAL-UNIVERSITÀ**

**4372. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2543 dwar ix-xogħlijiet fuq l-estensjoni taċ-Ċentru tal-Università fix-Xewkija, Għawdex, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija kollha kemm hi (intera) u jgħid din l-estensjoni meta hu maħsub li tkun lesta minn kollox u tibda tintuża?

23/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 70
14/12/2022

**BORD GĦAS-SOLUZZJONI TA' TILWIM GĦAL NETWORKS DWAR L-UTILITAJIET - MEMBRI**

**4373. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 696, 1269 u 2264 , jista' l-Ministru jgħid:
a. min kienu l-membri li, skont ma ntqal fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 696, offrew ir-riżenja tagħhom lill-Gvern; u
b. jekk issa nħatarx bord ġdid u fil-każ min huma l-membri u għal kemm hi l-ħatra ta' kull wieħed minnhom u jekk le, x'inhi r-raġuni għalfejn ma saret l-ebda ħatra sad-data ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

23/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX –FARM ROADS BIL-KONKOS**

**4374. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2185, 23432 u 22368 u jgħid kemm, f'liema lokalitajiet f'Għawdex u jagħti l-isem tat-triq/area u kemm kien it-tul u l-wisa' fejn saru 'Farm Roads' bil-konkos mill-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex mill-1 ta' Jannar, 2021 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari biex jitjieb l-aċċess għall-bdiewa u għan-nies li jiffrekwentaw dawn it-toroq?

23/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u titwieġeb f'seduta oħra.

Seduta 70
14/12/2022

**SAN ĠILJAN – BINJA TA' GIORNI - MANUTENZJONI**

**4393. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se jirranġa u jsebbaħ il-madwar tal-binja tal-Gvern u meta se jirranġa d-diversi ħitan ta' passaġġi u jsebbaħ is-soft areas li jinsabu fil-Binja ta' Giorni, f'San Ġiljan?

24/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li bħalissa qed tingħata attenzjoni għal tiswijiet, manutenzjoni u riġenerazzjoni tal-binjiet ta' akkomodazzjoni soċjali. Sadanittant ġie mwaqqaf il-Housing Development Fund li fost irwoli oħra se jkun qed joħloq fond biex jitwettqu proġetti ta' tisbieħ madwar il-binjiet tal-Gvern.

Seduta 70
14/12/2022

**UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ**

**4394. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jimpjega aktar ħaddiema bħala uffiċjali tal-komunità, meta hemm biss 129 uffiċjal u dawn ma jistgħux ilaħħqu ma' diversi xogħlijiet tagħhom? Jista' jgħid x'inhuma r-rwoli u l-ħidmiet tagħhom?

24/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali se tkompli tissaħħaħ sabiex tkun tista' tkompli toffri aktar servizzi. Fil-fatt l-aġenzija għadha kemm temmet il-proċess tal-għażla sabiex jiġu ingaġġati 21 uffiċjal ġdid, liema reklutaġġ huwa ppjanat li jibda fil-bidu ta' Jannar 2023. B'żieda ma' dan, ser tkun qed toħroġ sejħa oħra fil-ġimgħat li ġejjin sabiex jiġu ingaġġati uffiċjali oħrajn fis-sezzjoni tal-immaniġjar tat-traffiku.
L-Irwol tal-Aġenzija Lesa u l-uffiċjali tal-komunità huwa vast, u biċ-ċentru tal-attenzjoni jkun is-servizz lill-komunità. Dan jinkludi:
- Assistenza madwar diversi skejjel waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskejjel
- Immaniġġar tat-traffiku f'diversi toroq arterjali bħala parti mill-pjan nazzjonali
- Immaniġġar tat-traffiku u għeluq ta' toroq marbuta ma' xogħlijiet u permessi tal-Kunsilli Lokali u oħrajn
- Skorti matul trasport ta' oġġetti kbar (skorti)
- Rappurtaġġ u assistenza liċ-ċittadin waqt kollużjonijiet ta' vetturi
- Infurzar ta' regolament marbuta mat-traffiku u l-ambjent permezz ta' preżenza fiżika tal-uffiċjali tal-komunità.
- Moniteraġġ ta' kameras madwar il-pajjiż marbuta ma' rimi ta' skart b'mod abbużiv, u regolamenti tat-traffiku.

Seduta 70
14/12/2022

**LESA – UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ ASSENJATI MAL-KUNSILLI LOKALI**

**4395. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li numru ta' uffiċjali tal-komunità fi ħdan il-LESA jkunu assenjati b'mod regolari mal-kunsilli lokali?

24/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 70
14/12/2022

**ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI - SINDKI**

**4396. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb jew hemmx xi komunikazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) biex is-Sindki jiġu full-time biex jaqdu dmirhom aħjar?

24/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li preżentement m'hemm l-ebda komunikazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) dwar dan is-suġġett u dan minħabba li fil-preżent għaddej proċess ta' konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali.

Seduta 70
14/12/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DISKUSSJONI DWAR IL-FOND TAL-IŻVILUPP MAL-AKL**

**4397. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jiddiskuti l-Fond tal-Iżvilupp fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) fid-dawl ta' diversi lmenti minn diversi kunsilli?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-Assoċjazzjoni organizzat laqgħa għall-Kunsilli Lokali f'Ottubru bil-għan li jingħata tagħrif dwar it-tħaddim ta' dawn il-fondi filwaqt li qiegħed jinżamm kuntatt mal-kunsilli li jitolbu tagħrif.

Seduta 70
14/12/2022

**CONDOMINIUM ACT**

**4398. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan li l-Condominium Act ikun aġġornat? U jekk iva, kellu xi laqgħat fuq dan u ma' min?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li ġie kkummissjonat studju dwar aġġornament ta' din il-liġi li ġiet approvata lura fis-sena 1997 u li daħħlet fis-seħħ fis-sena 2000.

Seduta 70
14/12/2022

**REĠISTRU GĦALL-PROTEZZJONI TAL-MINURI – PERSUNI RREĠISTRATI**

**4469. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni rreġistrati fir-Reġistru għall-Protezzjoni tal-Minuri?

25/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sad-29 ta' Novembru 2022 kien hemm 104 persuni rreġistrati fir-Reġistru għall-Protezzjoni tal-Minuri.

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL TARXIEN – BENEFIĊĊJARJI TA' PENSJONIJIET**

**4470. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni residenti Ħal Tarxien qed jibbenefikaw minn xi forma ta' pensjoni u jistax jindika s-sess tal-istess?

25/11/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 70
14/12/2022

**SPTAR MATER DEI – MONTHLY CLINICAL PERFORMANCE UNIT REPORT**

**4565. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-*Monthly Clinical Performance Unit Report* tal-Isptar Mater Dei għal kull xahar tas-sena 2022?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 4563.

Seduta 70
14/12/2022

**RAPPORT ANNWALI 2020 TAL-KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA MENTALI**

**4566. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li fis-16 ta' Mejju 2022, il-Ministru għas-Saħħa poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati (fis-Seduta Numru 5) ir-rapport Annwali 2020 tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali, "*Mental Health and Wellbeing – Challenges and Opportunities*" (P.L. 0115) u peress li f'dan ir-rapport, il-Kummissarju spjega l-iżvilupp tas-servizz tal-helpline 1770 immexxi mill-Fondazzjoni Richmond b'dan il-mod: "The early weeks of the pandemic were characterised by a severe decrease in the number of persons seeking help. With pressure from this Office, helpline 1770 run by Richmond Foundation was beefed up by Ministry of Health funding and became a 24X7 service, with hundreds resorting to find solace, support, and advice. Confidence started building up and many resorted to online consultations." (p. 5) u "In 2020, there was the added challenge to mental health and wellbeing as a result of the anxiety, stress, depression and isolation caused by the COVID-19 pandemic, and the opportunity to positively impact the mental health of people through active prevention and support. The pandemic disrupted mental health and wellbeing locally. As a mental health rights' office, we were encouraged to note support for frontline staff. At a national level, support line 1770 run by Richmond Foundation became a 24X7 service very early during the pandemic, following additional funding provided by the Ministry for Health." (p. 20) u peress li bis-saħħa tal-finanzjament provdut mill-Ministeru tas-Saħħa, Malta kellha għall-ewwel darba 24 siegħa kuljum servizz ta' sapport u għajnuna bit-telefon, immexxi mil-Fondazzjoni Richmond u mid-dokumenti li qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Ministru huwa ċar li l-Fondazzjoni Richmond żviluppat is-servizz 1770 fuq bażi ta' 24 siegħa għax kien hemm bżonn u għax hekk talabha tagħmel il-Ministeru tas-Saħħa u peress li dan l-aħħar, il-Ministru ħabbar li l-Gvern kien se jagħmel servizz simili u li qabel kien jixtri servizz mill-Fondazzjoni Richmond u issa mhux se jibqa' jagħmel dan, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li għamel il-Ministeru tas-Saħħa jew li kkummissjona l-Ministru tas-Saħħa jew li kkonsidra l-Ministru tas-Saħħa li wassluh għad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt tal-Ministeru mal-Foundazzjoni Richmond għas-servizz tal-helpline ta' 24 siegħa u minfloku l-Ministeru tas-Saħħa jwaqqaf servizz ġdid u identiku bħal dak li qabel kien jingħata mill-Fondazzjoni Richmond iffinanzjat minn fondi pubbliċi? Jista' jispjega jekk kienx konsultat il-Kummissarju għas-Saħħa Mentali fuq din id-deċiżjoni u

jekk kien konsultat x'kien il-parir tal-Kummissarju? Jista' jispjega jekk kienx konsultat id-Direttur tal-Psikjatrija fuq din id-deċiżjoni u jekk kien konsultat x'kien il-parir tad-Direttur? Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk din id-deċiżjoni ttieħditx bi ftehim mal-Fondazzjoni Richmond? X'wassal lill-Ministru biex jiddeċiedi ma jibqax jiffinanzja dan is-servizz u minflok dan is-servizz beda jsir mill-Gvern?

28/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi waqt li l-Gvern jaħdem fil-qrib mal-Fondazzjoni Richmond, tant illi jgħaddi 'l fuq minn zewġ miljuni Euro fis-sena għal servizzi mingħand din il-Fondazzjoni,f'dan il-każ inħasset il-ħtieġa li l-Gvern ikollu linja ta' Appoġġ għas-Saħħa mentali , tiegħu. Fil-fatt fuq il-linja 1579 fl-ewwel 4 ġimgħat minn mindu twaqqfet diġà kien hemm 445 telefonata.

Seduta 70
14/12/2022

**MCESD – PROPOSTI LI TRESSQU FIL-BAĠIT**

**4567. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, mill-proposti għall-Baġit 2023, imressqa fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD), liema proposti ġew inkorporati fid-dokument finali tal-Gvern u liema tħallew barra?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-Budget 2023 offra ċertezza u stabbiltà, l-iktar ħaġa li l-imsieħba soċjali wasslu messaġġ dwarha fil-kuntest imqalleb internazzjonali. Prijorità ewlenija kienet iċ-ċertezza li l-prezzijiet tal-enerġija se jibqgħu stabbli u mhux se jogħlew kif ġara f'pajjiżi oħra. Kif l-Onor. Interpellant setgħet issegwi mir-reazzjonijiet tal-imsieħba ewlenin, dawn esprimew il-fehma kif din il-miżura waħedha kienet l-iktar waħda kruċjali biex toffri s-serħan il-moħħ lill-ħaddiema u lill-imprendituri.

L-apprezzament għal din id-deċiżjoni jirriżulta wkoll mill-fatt li l-imsieħba jafu li gvernijiet oħra, tal-partit li ġejja minnu hi, aġixxew ferm differenti u tefgħu fuq in-nies il-piżijiet meta ffaċjati bi kriżi ferm iżgħar minn tal-lum. L-importanza ta' din id-deċiżjoni kienet immarkata wkoll minn aġenziji internazzjonali fosthom dawk tal-klasifikazzjoni tal-kreditu. Iżda, il-Gvern ma waqafx ma' din il-miżura tant kbira u ħa ħafna inizjattivi oħra f'oqsma diversi u li n-nies qed jibdew jibbenefikaw minnhom.

Naturalment il-budget li kien ippreżentat f'dan il-Parlament u l-istqarrijiet u d-dokumenti tal-imsieħba soċjali huma wkoll pubbliċi. Jirriżulta li l-Gvern ħa iktar minn 110 proposti tal-imsieħba soċjali.

Seduta 70
14/12/2022

**KUMITAT REĠJONALI T'GĦAWDEX – PROPOSTI LI TRESSQU FIL-BAĠIT**

**4568. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, mill-proposti għall-Baġit 2023, imressqa mill-Kumitat Reġjonali t'Għawdex, liema proposti ġew inkorporati fid-dokument finali tal-Gvern u liema tħallew barra?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 4567.

Seduta 70
14/12/2022

**MCESD – CIVIL SOCIETY COMMITTEE – PROPOSTI**

**4569. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, mill-proposti għall-Baġit 2023, imressqa mis-Civil Society Committee tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD), liema proposti ġew inkorporati fid-dokument finali tal-Gvern u liema tħallew barra?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 4567.

Seduta 70
14/12/2022

**MCESD - LAQGĦAT**

**4570. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, sena b'sena bejn l-2013 u 2022:
(i) kemm saru laqgħat tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD); u
(ii) x'kienu t-temi li ġew diskussi f'kull laqgħa?

28/11/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li saru diversi laqgħat mill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) bejn l-2013 u l-2022 kif ġej:

| Sena | Numru ta' Laqgħat |
|---|---|
| 2013 | 20 |
| 2014 | 24 |
| 2015 | 20 |
| 2016 | 17 |
| 2017 | 9 |
| 2018 | 10 |
| 2019 | 12 |
| 2020 | 17 |
| 2021 | 16 |
| 2022 | 10 |
| Total | 155 |

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4726. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru, l-entitajiet u l-awtorijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu ma taw l-ebda benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, lill-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament.

Seduta 70
14/12/2022

**KEMMUNA BEACH CONCESSIONS – PUBLIC TENDER**

**4734. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2211, jista' l-Ministru jgħid jekk it-tliet beach concessions fil-bajjiet ta' Kemmuna ngħatawx lill-operaturi tad-deckchairs u umbrelel permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti? Jekk iva, jista' jgħid meta din kienet ippubblikata?

02/12/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4046.

Seduta 70
14/12/2022

**FIDI TA' ĊENS TEMPORANJU**

**4735. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3556, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet ta' persuni li għandhom ċens temporanju ta' post mhux residenzjali li ma jistax jinfeda?

02/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità mhux qiegħda f'pożizzjoni li tipprovdi din l-informazzjoni għaliex is-sistema diġitali ma tippermettix tfittxija abbażi ta' użu daqshekk preċiż u speċifiku tal-proprjetà.

Seduta 70
14/12/2022

**TRASFERIMENT**

**4736. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx progress rigward it-trasferiment taċ-ċens, li d-dettalji dwar dan il-każ qed jintbagħtu separatament, u jgħid x'inhi r-raġuni għad-dewmien?

02/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-art inkwistjoni għadha fl-istadju sabiex il-propjetà tiġi reġistrata f'isem il-Gvern.

Seduta 70
14/12/2022

**GRANT REVIEW BOARD – MEMBRI TAL-BORD**

**4748. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Grant Review Board, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

02/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| Isem | Kariga | Id-data tal-ewwel appuntament |
|---|---|---|
| Is-Sur Raymond Muscat | Chairperson | 27 ta' April 2020 |
| Is-Sur Joseph M Saliba | Membru | 27 ta' April 2020 |
| Is-Sur Charles Cilia | Membru | 27 ta' April 2020 |

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL FAR U BIRŻEBBUĠA – IRWEJJAĦ TA' FDALIJIET TA' ĦUT**

**4756. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġibiet ta' diversi mistoqsijiet parlmentari, tista' l-Ministru tara li tieqaf darba għal dejjem ir-riħa insapportabbli persistenti li baqgħet ħierġa minn fabbrika li tipproċessa fdalijiet ta' ħut li tinsab fiż-Żona Industrijali ta' Ħal Far li qiegħda taffettwa ħażin ħafna kemm lil min jaħdem f'din iż-żona industrijali kif ukoll lir-residenti ta' Birżebbuġa?

05/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-awtoritajiet relevanti qed jieħdu dawn l-ilmenti bl-ikbar serjetà u fl-aħħar ġimgħat żammew kuntatt mal-Kunsill Lokali, bħala r-rappreżentant tar-residenti, biex jinfurmawh bil-passi kollha li ttieħdu u qed jittieħdu.

Sa mill-ewwel ilment li rċiviet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar irwejjaħ f'inħawi f'Birżebbuġa bdiet bi spezzjonijiet f'diversi inħawi u anke fl-impjant li jagħmel referenza għalih l-Onorevoli Interpellant u fil-madwar.

Minbarra dan l-ERA assigurat ukoll li l-impjant qed jopera skont il-permessi relevanti.

Jirri¿ulta li f'xahrejn, l-ERA għamlet 48 spezzjoni, li jinkludu ż-żoni residenzjali, iż-żona industrijali ta' Ħal Far u l-impjant. Dan qed isir bil-għan li jiġi identifikat b'ċertezza s-sors ta' rwejjaħ li kienu rrapportati. L-ERA għamlet ukoll spezzjonijiet minn jeddha.

Infurmata li l-Awtorità qed iżżomm lill-Kunsill Lokali infurmat dwar il-passi kollha li qed tieħu u saret anke laqgħa għal dan il-għan. Kull fejn u meta hu possibbli, l-ERA qed tistieden u tiltaqa' wkoll ma' min għamel l-ilment biex tiġbor aktar informazzjoni.

Saħansitra kien hemm spezzjonijiet li saru fil-preżenza ta' membri tal-Kunsill Lokali.

Minbarra l-ispezzjonijiet regolari u l-investigazzjonijiet tal-ERA, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) ukoll ħadet numru ta' azzjonijiet fid-dawl tal-ilmenti dwar l-irwejjaħ. U għalhekk qed taħdem biex ittaffi kwalunkwe inkonvenjent li jista' jiġi kkawżat mis-sistema tad-drenaġġ.

Għal dan il-għan, sar xogħol ta' tindif intensiv fl-impjant antik tat-trattament tad-drenaġġ u qed isir t-tindif ta' madwar 3km ta' mains tad-drenaġġ.

Huwa pjanat li jsir ukoll tindif tal-pumping station f'Birżebbuġa.

L-awtoritajiet relevanti għandhom struzzjonijiet ċari biex jibqgħu jagħtu importanza massima din il-kwistjoni, bil-għan li jkunu stabbiliti sew il-fatti u iktar azzjonijiet li jistgħu jittieħdu.

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL FAR U BIRŻEBBUĠA – RWEJJAĦ TA’ FDALIJIET TA’ ĦUT**

**4757. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba ta' diversi mistoqsijiet parlamentari, jista’ l-Ministru jara li tieqaf darba għal dejjem ir-riħa insapportabbli persistenti li baqgħet ħierġa minn fabbrika li tipproċessa fdalijiet ta' ħut li tinsab fiż-Żona Industrijali ta' Ħal Far li qiegħda taffettwa ħażin ħafna kemm lil min jaħdem f'din iż-żona industrijali kif ukoll lir-residenti ta' Birżebbuġa?

05/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-art inkwistjoni għadha fl-istadju sabiex il-propjetà tiġi registrata f’isem il-Gvern.

*(Korrezzjoni: Ara Dokument PL 1075 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra nhar it-Tnejn 19 ta’ Diċembru f’seduta 71)*

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ DUN RENé - XOGĦLIJIET**

**4770. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl li numru ta’ residenti Qriema qed jilmentaw dwar l-istat ħażin f’parti ta’ Triq Dun René Cilia, f’Ħal Qormi, jista’ l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol f’din it-triq? Jista’ jgħid ukoll jekk saritx konsultazzjoni mar-residenti jew mal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Qormi dwar din il-materja?

05/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b’konsultazzjoni mal-kunsilli lokali kollha, inkluż l-Kunsill Lokali ta’ Ħal Qormi, u rċeviet lista ta’ prioritajiet għall-lokalità. S’issa t-triq imsemmija ma tinsabx f’din il-lista, madanakollu id-diskussjonijiet mal-kunsill għadhom mhux konklużi.

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-MITĦNA - XOGĦLIJIET**

**4771. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl li numru ta’ residenti Qriema qed jilmentaw dwar l-istat ħażin f’parti ta’ Triq il-Mitħna, f’Ħal Qormi, jista’ l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jibda x-xogħol fi Triq il-Mitħna, f’Ħal Qormi? Jista’ jgħid ukoll jekk saritx konsultazzjoni mar-residenti jew mal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Qormi dwar din il-materja?

05/12/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja b’konsultazzjoni mal-kunsilli lokali kollha, inkluż l-Kunsill Lokali ta’ Ħal Qormi, u rċeviet lista ta’ prioritajiet għall-lokalità. S’issa t-triq imsemmija ma tinsabx f’din il-lista, madanakollu id-diskussjonijiet mal-kunsill għadhom mhux konklużi.

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL SAFI – KUNSILL LOKALI - XOGĦLIJIET**

**4778. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni/upgrade/rinnovar, fejn u meta, li saru mill-Kunsill Lokali Ħal Safi mill-2019 sa meta qed titwieġeb din il-mistoqsija f'ġonna pubbliċi fil-lokalità?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Sit | Lista ta' Xogħlijiet | Perjodu |
|---|---|---|
| **Ġnien Sir Alexander Ball** | Sistema ta' Drip Irrigation System<br>Restawr tal-Ħajt ta' Barra<br>Xogħolijiet ta' Ħadid – Gazebo u railing<br>Aċċessibbiltà għal nies bi bzonnijiet speċjali<br>Użu ta' Wifi b'xejn<br>CCTV | Jannar 2019 sa Diċembru 2022 |
| **Ġnien 31 ta' Marzu** | Żbir tas-siġar u tisqija skont il-ħtieġa. | Jannar 2019 sa Diċembru 2022 |
| **Ġnien 13 t'April** | Żbir tas-siġar u tisqija<br>Tindif regolari<br>Manutenzjoni tal-playing fields permezz ta' maintenance agreement mal-Kuntrattur li għamlilna l-bandli.<br>CCTV<br>Tħawwil ta' pjanti indiġeni<br>Manutenzjoni tal-bankijiet<br>Manutenzjoni tad-dwal | Jannar 2019 sa Diċembru 2022 |
| **Ġnien Dun Karm Vella u Misraħ Ħlantun** | Tindif skont il-ħtieġa<br>Manutenzjoni tad-dwal | Jannar 2019 sa Diċembru 2022 |

Seduta 70
14/12/2022

**QRENDI – KUNSILL LOKALI - XOGĦLIJIET**

**4779. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni/upgrade/rinnovar, fejn u meta, li saru mill-Kunsill Lokali Qrendi mill-2019 sa meta qed titwieġeb din il-mistoqsija f'ġonna pubbliċi fil-lokalità?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi li matul il-perjodu elenkat mill-Onor. Interpellant, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi wettaq xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-Ġnien Dame Cecilia Pick.

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL-LUQA – KUNSILL LOKALI - XOGĦLIJIET**

**4780. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni/upgrade/rinnovar, fejn u meta, li saru mill-Kunsill Lokali Ħal Luqa mill-2019 sa meta qed titwieġeb din il-mistoqsija f'ġonna pubbliċi fil-lokalità?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li dan jieħu ħsieb jara li l-manutenzjoni ġenerali ssir kontinwament u regolarment biex jinżammu fi stat tajjeb is-siġar u l-pjanti li jinsabu f'dawn il-ġonna. Dan jinkludi wkoll it-tindif u ż-żamma tal-area kollha.

Seduta 70
14/12/2022

**ĦAL KIRKOP – KUNSILL LOKALI - XOGĦLIJIET**

**4781. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni/upgrade/rinnovar, fejn u meta, li saru mill-Kunsill Lokali Ħal Kirkop mill-2019 sa meta qed titwieġeb din il-mistoqsija f'ġonna pubbliċi fil-lokalità?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop illi dan jieħu ħsieb jara li l-manutenzjoni ġenerali ssir kontinwament u regolarment biex jinżammu fi stat tajjeb is-siġar u l-pjanti li jinsabu f'dawn il-ġonna. Dan jinkludi wkoll it-tindif u ż-żamma tal-area kollha.

Bħala rinovar mill-2019 lil hawn inżebgħu il-bankijiet kollha, twaħħlu litter bins ġodda, ġew irranġati l-planters, ġiet irranġata l-funtana u s-sistema tad-dawl fi Ġnien Rousset li jinsab fi Triq Taż-Żebbiegħ. Infurmat ukoll li l-Kunsill għandu pjanijiet li dan il-ġnien jiġi upgraded.

Fil-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq saret ukoll manutenzjoni fuq l-għamara kollha, ġew irranġati l-uplighters li kienu ġew ivvandalizzati, ġie mibdul il-playing equipment li hemm fil-ġnien, ġew irranġati l-planters u s-sistema tal-irrigazzjoni u inbeda studju dwar is-sistema tad-dawl kollha minħabba li hemm bżonn li tiġi mibdula.

Seduta 70
14/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – KLINIKA FIL-KOMUNITÀ**

**4782. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 2025 u 2911, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra fiex wasal il-proċess biex id-Dipartiment tal-Kura Primarja jsib sit adegwat għal ċentru komunitarju ġdid f'Birżebbuġa? Jekk il-lok diġà intgħażel, dan huwa tal-Gvern jew tal-Privat? Fejn se tkun il-Klinika fil-Komunità l-ġdida ta' din il-lokalità? Meta ser tinfetaħ din il-Klinika f'Birżebbuġa? Kemm-il spazju ta' parkeġġ hemm biswitu? Kemm ser ikun l-investiment inizjali? X'se jkunu s-servizzi li se jkunu offruti u meta se jkunu l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ?

06/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 4753.

Seduta 70
14/12/2022

**IMPJANT TAL-PRODUZZJONI TAL-PRODOTTI TAX-XORB - ILMA**

**4783. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 2840, u tgħid, sena b'sena mill-2011 sal-2021, kemm ittella' ilma mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-produzzjoni tal-prodotti tax-xorb, inklużi dawk li jibbottiljaw l-ilma għax-xorb u b'liema rata medja għal kull sena dan inxtara?

06/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 70
14/12/2022

**MFSA – KAP EŻEKUTTIV**

**4788. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4638 u jgħid jekk ħarġitx vacancy għall-irwol ta' Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), wara li tħabbar li l-Eks Kap Eżekuttiv ta' din l-Awtorità, li ismu qed jintbagħat separatament, m'għadux jokkupa l-kariga?

06/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-vacancy għar-rwol ta' CEO għadu ma nħariġx. Wieħed jista' jżur il-Websajt tal-MFSA biex ikun jaf il-job vacancies li qed toffri l-Awtorità.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – KUNTRATTI MAL-LUKANDA DOWNTOWN**

**4796. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 4677 u peress illi fil-mistoqsija parlamentari 13581 ma tpoġġew ebda kuntratti li l-Ministeru għamel mal-operaturi ta' Downtown Hotel, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull kuntratt li sar bejn il-Ministeru u l-operaturi ta' Downtown Hotel?

06/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għall-mistoqsija parlamentari 4677.

Seduta 70
14/12/2022

**QAWRA - SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ IL-FREJGATINA U TRIQ PORZJUNKOLA – DAWL PUBBLIKU**

**4810. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jaċċerta li d-dawl pubbliku kollu li hemm fil-pjazzetta bejn Triq il-Frejgatina u Triq Porzjunkola, Qawra, San Pawl il-Baħar (fiż-żona tal-housing estate) qiegħed jaħdem kif suppost u li l-bozoz kollha jkunu mixgħulin? F'każ li hemm xi bozza/bozoz mhux jixegħlu, jista' jgħid x'inhi r-raġuni għal dan u meta hu mistenni li dan id-dawl jerġa jinxtegħel?

06/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-Kunsill Lokali mhux responsabbli mit-tiswijiet tal-provistà tad-dawl tat-toroq. Għalhekk, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex għal aktar informazzjoni tirreferi għall-Ministeru kkonċernat.

Seduta 70
14/12/2022

**PULIZIJA – KAŻIJIET TA' VANDALIŻMU FUQ VETTURI**

**4811. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4352 u 4354 dwar każijiet ta' vandaliżmu fuq vetturi, jista' l-Ministru jgħid f'liema toroq fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Mellieħa u San Pawl il-Baħar seħħew dawn il-każi ta' vandaliżmu?

06/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi b'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4352 u 4354, dwar każi ta' ħsara vonlontarja fuq vetturi, id-dettalji dwar it-toroq fejn seħħew dawn il-każijiet fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Mellieħa u San Pawl il-Baħar, qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 70
14/12/2022

**PULIZIJA – KAŻIJIET TA' VANDALIŻMU FUQ VETTURI**

**4812. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenzagħat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4352 u 4354 dwar każijiet ta' vandaliżmu fuq vetturi, fejn it-tweġibiet għall-istess mistoqsijiet juru li San Pawl il-Baħar hi l-lokalità li fiha l-iktar li jsiru rapporti dwar dan il-vandaliżmu, jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni qiegħda tittieħed biex tali vandaliżmu jitnaqqas kemm jista' jkun? X'azzjoni hi ppjanata li tittieħed biex dan il-vandaliżmu jonqos?

06/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi b'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4352 u 4354 dwar każijiet ta' vandaliżmu fuq vetturi, il-pulizja konxja li San Pawl il-Baħar kien hemm l-iktar każi ta' dan il-ġeneru. Infurmat illi l-pulizija tad-distrett bl-assistenza ta' taqsimiet oħra tal-Korp, qed tagħmel dak kollu possibbli u ser tkompli tinvestiga biex dawk responsabbli jiġu identifikati u jitressqu l-Qorti. Sadanittant il-pulizija qed tkompli bir-ronda u sorveljanza tagħha, anke bis-support tal-komunità.

Seduta 70
14/12/2022

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA LIL SPORTIVI B'DIŻABILITÀ**

**4829. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4416 u 4667 u ċjoè: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3785 rigward għajnuna lil sportivi b'diżabilità, jista' l-Ministru jwieġeb it-tieni parti tal-mistoqsija u jagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fil-Paralympics?

06/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Paralympic Committee tibbenefika mill-iskema International Participation u matul dawn is-snin, ngħataw għajnuna finanzjajra b'total ta' €53,397.14.

Seduta 70
14/12/2022

**MFSA – KAP EŻEKUTTIV – KUNTRATT**

**4832. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4639 u jgħid għalfejn l-Eks Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għadu qed jitħallas eluf fix-xahar? Jista' jippubblika l-kuntratt li kellu l-Kap Eżekuttiv ta' din l-Awtorità, li ismu qed jintbagħat separatament?

07/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 70

14/12/2022

**MFSA – MINUTI TA' LAQGĦA TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**4833. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4640 u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), li fiha ġew approvati l-pagamenti li l-Eks Kap Eżekuttiv tal-MFSA, li ismu qed jintbagħat separatament, għadu qed jingħata fix-xahar?

07/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - BIĊĊERIJI PRIVATI**

**4845. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hu n-numru ta' biċċeriji privati, reġistrati mal-Ministeru u fejn jinsabu lokalità b'lokalità? Liema annimali/tjur huma awtorizzati li jinqatlu f'dawn il-biċċeriji privati?

09/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 70
14/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IRZIEZET TAL-BAQAR TAL-ĦALIB**

**4846. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar in-numru ta' rziezet tal-baqar tal-ħalib li hemm reġistrati mal-ministeru/dipartimenti li jaqgħu taħtu, lokalità b'lokalità? Jista' jagħti tagħrif dwar kemm hu n-numru ta' baqar reġistrati f'dawn l-irziezet?

09/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari Nru 4440.

Seduta 70
14/12/2022

**SMARTCITY – KAMPANJA PUBBLIĊITARJA STAMPATA FIL-ĠURNALI**

**4853. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Billi fis-snin bejn l-2007 u l-2009 il-Gvern ta' dak iż-żmien kien għamel kampanja pubbliċitarja dwar SmartCity fil-media stampata, jista' l-Ministru jqiegħed kopja ta' dik il-kampanja stampata (fil-ġurnali) fuq il-Mejda tal-Kamra?

Barra minn hekk, jista' jagħti s-segwenti tagħrif:

(i) Min kien responsabbli għal din il-kampanja pubbliċitarja?
(ii) Kemm swiet flus?
(iii) Jekk kien hemm, min kienu l-aġenti tar-reklamar involuti?

(iv) Min kienu n-nies illi ħadu sehem fiha?
(v) Kif intgħażlu u fuq liema bażi intgħażlu?

09/12/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi kopja tagħhom fuq il-Mejda tal Kamra, ir-reklam hekk kif deher fil-ġurnal u l-lista tal-Media Outlets, flimkien mal-ispejjeż involuti għall-istess reklamar li deher fil-gazzetti rispettivi.

Seduta 70
14/12/2022